Kunsill Lokali Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

**MINUTI TAT-TMINTAX IL-LAQGĦA TAS-SEBA' KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** L-Erbgħa, 13 ta' Frar 2013

**Ħin:** Mill-4pm sal-5.03pm

**Preżenti:**

It-Tabib John Zammit Montebello
It-Sur Joseph Mary Galea
Is-Sur Guido Borg
Is-Sur Desmond Zammit Marmara
Is-Sur Stephen Gatt

1. **Approvazzjoni tal-Minuti tas-Sbatax–il laqgħa tas-Seba' Kunsill.**

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tas-Sbatax-il laqgħa ta' nhar l-Erbgħa, 30 ta' Jannar 2013. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Is-Sindku saqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Minuti kienu proposti għall-approvazzjoni mis-Sur Desmond Zammit Marmara, li kien issekondat mill-Kunsillier is-Sur Guido Borg. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

2. **Mill-Minuti**

Is- Sindku nforma lill-Kunsill li t-tower krejn li kien sorġut fi Triq il-Kannizzata wara ftehim li sar mal-kuntrattur ser jiżżarma nhar il-Ħamis 28 ta' Frar 2013.

Is- Segretarju nforma lill-Kunsill li s-sejħa tat-Tender għal servizzi ta' perit mal-Kunsill ser joħroġ nhar it-Tlieta 19 ta' Frar 2013 .

Is- Sindku nforma lill-Kunsill li fir-rigward tal-ilment li sar fuq l-uffiċini li nfetħu fi Triq l-Imdina, informa lis-Sinjura Camilleri li bħala Kunsill avża lill-MEPA kif dejjem għamel meta ġraw każi bħal dan biex isir l-infurzar. Il-MEPA min naħa tagħhom infurmawna li qed jieħdu parir legali f'dan ir-rigward. Il-Kunsill ma għandu l-ebda poteri legali biex jinforza ħlief li jinsisti ma' l-Awtoritajiet konċernati biex jieħdu azzjoni.

## 3. Finanzi

### a) Rapport Finanzjarju għat-Tlett Xhur Ottubru sa Diċembru 2012.

Is-Segretarju Eżekuttiv qiegħed fuq il-mejda tal-Kunsill ir-rapport finanzjarju għat-tlett xhur Ottubru sa Diċembru (mehmuż)

Ġie msejjaħ l-Accountant tal-Kunsill, is-Sur M. Debono biex jagħti l-kummenti tiegħu fuq dan ir-rapport. Huwa qal li minn dan ir-rapport jidher li s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill hija tajba u li l-Kunsill qiegħed fid-direzzjoni t-tajba ta' kif jintefqu l-flus.

Ir-rapport finanzjarju għat-tlett xhur Ottubru sa Diċembru 2012 kien propost għall-approvazzjoni mill-Vici Sindku, is-Sur J. Galea li kien issekondat mill-Kunsillier Desmond Zammit Marmara. Ir-Rapport ġie approvat unanimament u ġie ffirmat mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv biex juri li huwa dokument korrett.

### b) Budget 2013

L-Estimi għas-sena Finanzjarja 2012, kif emendati fl-aħħar laqgħa tqiegħdu fuq il-mejda tal-Kunsill fil-format skont ir-regolamenti finanzjarji (mehmuża).

Fuq mozzjoni tal-Kunsillier is-Sur Guido Borg li kien issekondat mill-Kunsillier, is-Sur Desmond Zammit Marmara, il-Kunsill unanimament approva l-estimi finanzjarji għas-sena 2013. L-estimi ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.

### c) Business Plan għat-Tlett snin 2013-2015

Il-*Business Plan* għat-tlett snin 2013-2015 tqiegħed fuq il-mejda (mehmuż). Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Fuq mozzjoni tal-Viċi-Sindku, is-Sur Joe Galea li kien issekondat mill-Kunsillier is-Sur Stephen Gatt, il-Kunsill unanimament approva l-*Business Plan* għat-tlett snin 2012-2015. Il-Business Plan ġie ffirmat mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.

### d) Rapport Finanzjarju Annwali 2012

Is-Segretarju Eżekuttiv qiegħed fuq il-mejda tal-Kunsill ir-rapport Annwali Finanzjarju għas-sena 2012. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa (mehmuż). L-accountant tal-Kunsill, is-Sur Mark Debono kien preżenti biex jippreżenta d-dokumenti.

Fuq mozzjoni tal-Kunsillier, is-Sur Stephen Gatt li kien issekondat mill-Kunsillier is-Sur Guido Borg, il-Kunsill unanimament approva r-rapport finanzjarju Annwali għas-sena 2012. Ir-Rapport Finanzjarju Annwali 2012 ġie ffirmat mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.

### e) Approvazzjoni tal-Ħlasijiet

Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data sat-13 ta' Frar 2013 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta' € 4093.

L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier is-Sur G. Borg li kien issekondat mill-Kunsillier is-Sur D. Zammit Marmara. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijet ġiet iffirmata minn żewġ kunsilliera biex juru li hija dokument korrett.

## 4. Aġġudikazzjoni ta' Kwotazzjoni- Quot/ BLC/1/13 " *Supply of Cement, Sand and Aggregate*"

Il-Kunsill qabel li jagħżel l-offerta tas-Sur Lino Micallef peress li fil-fehma tal-Kunsill dan il-fornitur għamel l-aħjar offerta.

## 5. Rapport Amministrattiv 2012

Is-Segretarju Eżekuttiv qiegħed fuq il-medja tal-Kunsill ir-rapport Annwali Amministrattiv għas-sena 2012 (mehmuż).

Ir-rapport Annwali Amministrattiv għas-sena 2010 kien propost għall-approvazzjoni mill-Viċi-Sindku, s-Sur J. Galea li kien issekondat mill-Kunsillier Stephen Gatt. Ir-rapport ġie approvat unanimament u ġie ffirmat mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv biex juri li huwa dokument korrett.

## 6. Post Alternattiv għal Uffiċċju tal-Kunsill Lokali

Is-Segretarju informa lill-Kunsill li wara li kienet ħarġet sejħa ta' Expression of Interest għal kiri ta' post alternattiv għal Kunsill kien hemm interess minn individwu wieħed iżda wara ġie infurmat li mhux lest li jikri imma jbiegħ. Għalhekk il-Kunsill spiċċa bl-ebda proposta ta' kiri.

Is- Sindku fl-opinjoni tiegħu għandna nkomplu infittxu post alternattiv imma deċiżjoni ta' x'ser nagħmlu trid tittieħed mill-Gvern Ċentrali fl-isfond tal-ittra li rċevejna mid-Direttur tad-Dipartiment tal-Gvern Ċentrali fejn infurmana li bħala Kunsill għandna noħorġu mill-fond preżenti biss b'ordni tal-Qorti pero' kif jaf kulħadd minħabba ċ-ċirkostanzi preżenti tal-pajjiż peress li hemm elezzjoni ġenerali fil-qrib ebda deċiżjoni mill-Gvern Ċentrali mhux ser tittieħed qabel ma jkun hemm amministrazzjoni ġdida.

Li hu żgur hu li bħala Kunsill ma nistgħux nixtru imma nikru. Għalhekk għalissa għandna ngħarfu nimxu mad-direzzjoni li ngħatat mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali.

## 7. Korrispondenza

Talba minn Lewis Micallef and Sons biex jinħareġ permess minn Transport Malta għal Un/Loading bay quddiem 58, Triq San Franġisk, Ħal Balzan. Is-Segretarju informa lill-Kunsill li kienet diġa' saret talba lill-Transport Malta pero' din it-talba kienet ġiet miċħuda.

Issa minħabba li minn dak iż-żmien ġiet infurżata l-iskema tar-Residential Parking Scheme, il-Kunsill ma jsib ebda oġġezzjoni li din it-talba terġa tiġi mressqa għal-kunsiderazzjoni ta' Transport Malta.

Il-Kunsill ħa konjuzjoni tal-ittri l-oħra li rċevejna u qabel li jkompli jsegwi l-interessi tal-Kunsill kif ikun meħtieġ.

## 8. Rapport dwar l-Ilmenti

Dwar ilmenti li rċieva l-Kunsill f'dan il-perjodu l-Kunsill ġie nfurmat illi dawn ġew konsiderati u li tkun ittieħdet azzjoni min naħa tal-Kunsill sabiex tinstab soluzzjoni u jitneħħa kull inkonvenjent għas-sodisfazzjoni ta' kull min ikun ippreżenta l-ilment.

## 9. Komunikazzjoni tas-Sindku

Is- Sindku informa lill-Kunsill li t-taħdita fuq l-Aspetti ta' l-Istorja u Kultura Balzanija ser tittella' nhar il-Ġimgħa 22 ta' Frar ġewwa il-Każin San Gabriel.

## 10. Suġġerimenti u Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

Is-Sur D. Zammit Marmara tkellem fuq Jum Ħal Balzan rigward l-attivita' u l-plakka kommemorativa bl-ismijiet ta' dawk li mietu fit-tieni gwerra dinija.

**Għeluq:** Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar l-Erbgħa, 13 ta' Marzu 2013 fil-5pm.

| ____________________ | ____________________ |
|---|---|
| **Dr. J. Zammit Montebello** | **Mark Mallia** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |

____________________

Data